# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' l-Erbgha 24 t'Ottubru, 2018**

**Rikors Numru : 26/2018 JPG**

**Kawza Numru : 2**

**Bank of Valletta p.l.c (C 2833)**

**Vs**

**Aldo u Stacy mizzewgin Magro (K.I numri 39175 (M) u 9780 (A))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c, datat 9 ta' Jannar 2018, a fol 1 et seqq, li jaqra hekk:

*Tesponi bir-rispett u Johanna Bartolo (K.I. numru 125969 (M) ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament;*

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall, datat 27 ta' Mejju 2003 (Dok. "A") fejn is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Aldo u Stacy mizzewgin Magro.*

2. *Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Aldo u Stacy mizzewgin Magro fis-somma ta' mija u tnejn u tmenin elf, disa' mija u dsatax-il Ewro u tmenin centenzmu (€182,919.80) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Aldo u Stacy mizzewgin Magro mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B", Dok. "C1 sa C7" u Dok. "D1 sa D7") flimkien mal-imghax ulterjuri mis-7 ta' Dicembru 2017 sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibiti bhala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Aldo u Stacy mizzewgin Magro:*

    a. *naqsu milli jhallasu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Aldo u Stacy mizzewgin Magro li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

4. *Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenuti Aldo u Stacy mizzewgin Magro gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 7 ta' April, 2015, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok 'E', sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda huma baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibit bhala Dok "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Aldo u Stacy mizzewgin Magro (a) naqsu milli jhallasu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess*

*kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Aldo u Stacy mizzewgin Aldo li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, u*

2. *Tikkundanna lil Aldo u Stacy mizewwgin Magro jhallasu flimkien "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tnejn u tmenin elf, disa' mija u dsatax-il Ewro u tmenin centezmu (€182,919,80) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Aldo u Stacy mizzewgin Magro mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B", Dok, "C1 sa C7" u Dok. "D1 sa D7")) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-7 ta' Dicembru 2017, sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 7 ta' April 2015 (Dok. "E") kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat il-verbal tal-14 ta' Mejju, 2018, fejn Dr Domenic Cassar informa lill-Qorti li l-intimati hallsu s-sorte u ghaldaqstant pprezenta nota ta' cessjoni rigward s-sorte u kien fadal biss il-kwistjoni tal-kap ta' spejjez. (Vide fol 65)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazjoni mid-difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi permezz ta' din il-kawza, il-Bank rikorrenti kien talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimati jhallsu s-somma ta' €182,919.80, oltre l-imghax dekoribbli mis-7 ta' Dicembru 2017 sad-data tal-pagament effettiv.

Illi fil-mori tal-kawza l-intimati hallsu l-ammont kollu dovut, u ghalhekk il-Bank rikorrenti prezenta nota ta' cessjoni fir-rigward tas-sorte, izda zamm ferm il-pretensjoni tieghu fir-

rigward tal-kap tal-ispejjez.

Illi ghalkemm l-intimati gew moghtija zmien sabiex jipprezenta is-sottomissjonijiet taghhom rigward dan, huma baqghu inadempjenti.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Fenech vs Joseph Cassar** deciza fis-17 ta' Marzu 2004, din il-Qorti diversament presjeduta, wara li kienet ezaminat ic-cirkostanzi tal-kaz, kienet ikkonkludiet illi ma kienx ikun gust u ekwu li timputa lir-rikorrenti xi parti mill-ispejjez, u dan wara li rrilevat wkoll illi:-

> **"*Hu principju pacifikament akkolt illi l-konvenut sokkombent li jirrikonoxxi li ghandu jaghti, u fil-fatt jghaddi wkoll ghall-hlas, ma jistax jigi mehlus mill-hlas ta' l-ispejjez jekk ma jkunx hemm xi raguni in kuntrarju (Kollez. Vol. XLI P I p 612);*"**

Illi fil-kaz prezenti, l-intimati ma resqu l-ebda gustifikazzjoni ghalfejn il-Bank rikorrenti ghandu jigi mputat l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jew ta' xi parti minnhom. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, ma jirrizultax li jkun gust u ekwu li l-Bank rikorrenti jbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**Ghal dawn il-motivi, u wara li rat it-nota ta' cessjoni prezentata mill-Bank rikorrenti fl-14 ta' Mejju 2018, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet ghajr l-ahhar parti tat-tieni talba li qed tigi milqugha u ghalhekk tikkundanna lill-intimati jhallsu l-ispejjes tal-proceduri odjerni.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**